**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 292/2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Franco Fava**

**Illum 16 ta' Ġunju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' **Franco Fava**, ta' erbgħa u erbgħin (44) sena, iben Nicholas u Margaret neè Attard, ta' nazzjonalità Maltija, imwieled il-Pietà nhar il-21 ta' Settembru 1980, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 435180(M), talli fis-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Talab, irċieva jew aċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeżerċita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna bħal ma hemm imsemmi fl-Artikoli 121A(1) tal-Kodiċi Kriminali, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra teżerċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor, u dana bi ksur ta' l-Artikolu 121A(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lil Franco Fava jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-Esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tordna li l-imsemmi Franco Fava jħallas id-danni skond l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, markat Dok. "X" a fol. 4 tal-proċess;

Rat li l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu[1], liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti spjegatlu l-implikazzjonijiet legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien sabiex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura minnha[2];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tat-22 ta' April 2025 markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 10 u 11 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' Stefania Scicluna, Deputat Reġistratur, mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' April 2025[3] u rat id-dokument, ossia l-Procès-Verbal bin-Numru 46/2025, esebit minnha markat Dok. "SS" a fol. 13 tal-proċess, semgħat ix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Rona Agius Custò mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2025[4] u rat il-*pre-sentencing report* esebit minnha markat Dok. "RAC" a fol. 18 sa' 31 tal-proċess;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli fis-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) Talab, irċieva jew aċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeżerċita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna bħal ma hemm imsemmi fl-Artikoli 121A(1) tal-Kodiċi Kriminali, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra teżerċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor, u dana bi ksur ta' l-Artikolu 121A(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Huwa wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni u anke fid-dawl ta' dik li jirriżulta mix-xhieda ta' l-Ispettur Clive Abela u d-dokumenti esebiti minnu u mix-xhieda ta' Supesh Gurung, Marjus Cela u Anal Benny fl-atti tal-Procès-Verbal bin-Numru 46/2025 esebit bħala Dok. "SS" a fol. 13 tal-proċess, il-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura serja ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll dak li jirriżulta mill-*pre-sentencing report* imħejji mill-

[1] Fol. 9 tal-proċess.

[2] Fol. 15 tal-proċess.

[3] Fol. 12 tal-proċess.

[4] Fol. 16 u 17 tal-proċess.

Uffiċjal tal-Probation Rona Agius Custò, fejn ikkonkludiet u rrakomandat is-segwenti: ***Konklużjonijiet - Fatturi identifikati:*** *Franco Fava huwa l-akbar wild f'familja bejn tliet aħwa u jidher trabba b'valuri sodi u għaqda u rispett bejn l-aħwa. Huwa tilef lil missieru ħames snin ilu u jirriżulta li huwa qrib ħafna tal-familja, speċjalment ta' ommu u oħtu ż-żgħira li magħha jsostni li jiftaħ qalbu. L-imsemmi ilu madwar erba' snin jgħix għal rasu f'appartament bil-kera ġewwa l-Ħamrun. Madanakollu jirriżulta li għandu kuntatt regolari mal-kumplament tal-familja u jgawdi s-sapport ta' ħutu li jidhru jfissduh xi naqra minħabba li huwa ġuvni jgħix waħdu. Huwa jsostni li dejjem ħadem għalkemm preżentement, ix-xogħol tiegħu ta' driving instructor ma jirriżultax fir-rekords tal-Jobsplus. Isostni li dan l-impjieg huwa għal qalbu u jagħtih ħafna sodisfazzjoni. Fil-Fedina Penali jirriżulta li l-imputat kellu każ wieħed ieħor li jmur lura għas-sena 2011 filwaqt li jidher għandu rimors fir-rigward ta' l-akkużi odjerni. Huwa jinsisti li determinat li bl-ebda mod ma jerġa' jxellef difrejħ mal-liġi. Franco Fava ma jirriżultax li għandu jew qatt kellu problemi ta' vizzji. Huwa dilettant ta' l-isports u l-ħin liberu tiegħu jsostni li jqattgħu prinċiparjament mal-familja jew jara l-futbol u sports ieħor fuq it-TV.* ***Pjan ta' kura:*** *Franco Fava jirriżulta li jgħix ħajja stabbli. Huwa importanti li jkompli jiffoka fuq l-element tal-familja kif ukoll tax-xogħol, speċjalment sabiex jirregolarizza l-impjieg tiegħu.* ***Rakkomandazzjoni:*** *Mill-informazzjoni miġbura għall-fini ta' dan ir-rapport jirriżulta li Franco Fava jgħix ħajja pjuttost stabbli u ma rriżultawx diffikultajiet li għandhom jiġu indirizzati permezz ta' superviżjoni. Għaldaqstant qiegħed jiġi rrakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti li l-imputat jingħata Ordni ta' Servizz fil-Komunità sabiex permezz ta' l-element tax-xogħol jifhem il-konsegwenzi relatati mar-reat tiegħu u għaldaqstant jerfa' r-responsabilità ta' l-aġir tiegħu.*

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18 u 121A(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess u anke a bażi tax-xhieda u dokumenti kontenuti fil-Procès-Verbal bin-Numru 46/2025, ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Għalkemm fil-fehma tal-Qorti is-sentenza adatta fil-konfront ta' l-imputat għandha tkun waħda ta' priġunerija, fid-dawl ta' dak li rriżulta mill-*pre-sentencing report* ta' l-Uffiċjal tal-Probation Rona Agius Custò fir-rigward ta' l-imsemmi imputat, u ai termini ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, minflok ma tagħti sentenza ta' priġunerija fil-konfront tiegħu tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunità billi jagħmel xogħol bla ħlas għal mitejn u għoxrin (220) siegħa f'dak il-post u skond l-arranġamenti li jsiru mill-Uffiċju tas-Servizzi tal-Probation, bl-approvazzjoni tal-Qorti, u bil-kondizzjonijiet l-oħra indikati fl-istess Ordni, li qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Dan l-Ordni qed isir wara li l-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, spjegat lill-imputat, bi kliem ċar u sempliċi, l-effetti ta' l-Ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruħu ma' l-istess jew jagħmel xi reat ieħor sakemm dan l-Ordni jibqa' fis-seħħ, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Ai termini ta' l-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Servizz bla Ħlas fil-Komunità jintbagħtu lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni a bażi ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fiċ-ċirksotanzi ta' dan il-każ, tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni a bażi ta' l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 370(6) u l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tad-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Servizz fil-Komunità Anness magħha u formanti parti integrali minnha.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**